

30.3.2022

A9-0062/1

**Emenda 1**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira**  
fisem il-Grupp The Left

**Rapport**

**Nicolae Ștefănuță**

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III  
(2021/2226(BUI))

**A9-0062/2022**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Aa (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*Aa. billi l-baġit tal-Unjoni Ewropea għandu jippromwovi l-investiment pubbliku billi jappoġġa s-setturi produttivi u strateġiċi, is-servizzi pubbliċi, il-ħolqien ta' impjiegi bi drittijiet, il-ġlieda kontra l-faqar, l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanzi, il-ħarsien tal-ambjent u l-użu sħiħ tal-potenzjal ta' kull pajjiż u reġjun, flimkien mat-tfittxija ta' relazzjonijiet esterni bbażati fuq is-solidarjetà, il-kooperazzjoni, ir-rispett reċiproku u l-paċi;*

Or. pt

30.3.2022

A9-0062/2

**Emenda 2**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira**  
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**Nicolae Ștefănuță**

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III  
(2021/2226(BUI))

A9-0062/2022

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 1a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**1a. Jappella biex il-baġit tal-UE jiżdied bi sforz biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni soċjoekonomika serja li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri, li dan l-aħħar ġiet aggravata, fost affarjiet oħra, biż-żidiet spekulattivi fil-prezzijiet tal-komoditajiet u tal-enerġija; jappella wkoll biex il-funzjoni ridistributtiva tiegħu tissaħħaħ, u jingħata appoġġ għall-isforzi li jsiru biex tinkiseb konverġenza reali fil-progress ekonomiku u soċjali fost l-Istati Membri; huwa tal-fehma, barra minn hekk, li fil-kuntest attwali, l-objettivi ewlenin li għandhom jiġu segwiti permezz tal-użu ta' fondi mill-baġit tal-UE għandhom ikunu: għajnuna lill-Istati Membri biex jiproteġu l-introjti tal-ħaddiema u tal-familji tagħhom; il-protezzjoni tal-impjiegi bi drittijiet u relazzjonijiet ta' impjiegi stabbli u regolati; is-salvagwardja tas-solvenza tal-mikrointrapriżi, kif ukoll tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; li terġa' titqajjem l-attività ekonomika, b'enfasi partikolari fuq is-setturi produttivi; l-avvanz tas-sovranità tal-Istati Membri b'mod partikolari s-sovranità tagħhom għal dak li għandu x'jaqsam mal-ikel u l-enerġija; il-ħarsien tal-ambjent u tal-bijodiversità; u l-appoġġ għall-akkoljenza u l-integrazzjoni tar-refuġjati emigranti kollha;**

Or. pt

AM\1253165MT.docx

PE719.457v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

30.3.2022

A9-0062/3

**Emenda 3**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira**  
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0062/2022**

**Nicolae Ștefănuță**

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III  
(2021/2226(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 3a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**3a. Jappella biex jiżdiedu l-linji baġitarji allokatu għall-koeżjoni; jappella, f'dan ir-rigward, biex l-appoġġ għar-reġjuni ultraperiferiċi jiġi jissaħħaħ, b'mod partikolari l-programm ta' soluzzjonijiet speċifiċi relatati mal-periferiċità u l-insularità (POSEI), u li tiġi stabbilita skema tat-trasport POSEI bl-għan li jingħata appoġġ addizzjonali biex jiġu kkompensati l-iżvantaġġi u t-telf ikkawżati mill-periferiċità;**

Or. pt

30.3.2022

A9-0062/4

**Emenda 4**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira**  
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**Nicolae Ștefănuță**

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III  
(2021/2226(BUI))

**A9-0062/2022**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 4a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**4a. Jappella biex programmi speċifiċi għall-biedja jissaħħu bl-għan li titrawwem biedja sostenibbli f'kull Stat Membru u industrija tal-biedja li tkun kapaċi tirreaġixxi għall-isfidi l-aktar urġenti, bħan-nixfa, it-tnaqis fil-produzzjoni u ż-żidiet spekulattivi fl-ispejjeż tal-input, b'mod partikolari permezz ta' appoġġ dirett għall-produtturi u, fuq terminu medju, appoġġ permanenti għall-elettriku ekoloġiku u finanzjament għal xogħlijiet iżgħar tal-irrigazzjoni, inkluża l-installazzjoni ta' vaski maħsuba biex iżommu l-ilma; jappella biex id-deċiżjoni li jitnaqqas l-appoġġ fl-ambitu tal-iskema għall-bdiewa iżgħar titreġġa' lura; jappella wkoll, biex il-proġetti ffinanzjati fl-ambitu tal-baġit tal-UE jrawmu kanali ta' kummerċjalizzazzjoni qosra u remunerazzjoni ġusta, stabbli u deċenti għall-produtturi u li jitqassmu b'mod ġust fost il-pajjiżi, il-produtturi u t-tipi ta' produzzjoni, filwaqt li jitneħħew id-disparitajiet attwali u li jibbenefikaw f'termini relattivi lill-Istati Membri bl-ogħla defiċits ta' produzzjoni;**

Or. pt

30.3.2022

A9-0062/5

**Emenda 5**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira**  
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**Nicolae Ștefănuță**

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III  
(2021/2226(BUI))

A9-0062/2022

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 4b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**4b. Jappella biex ikun hemm disponibbli appoġġ għas-settur tas-sajd biex ikun jista' jindirizza, b'mod ambizzjuż u prattiku, iż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni li jiffaċċja s-settur tas-sajd, b'mod partikolari, is-sajd fuq skala żgħira, artiġjanali u kostali; jitlob li l-FEMSA jiffoka fuq it-titjib tas-sikurezza tal-flotot u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, tas-saħħa u tal-iġjene abbord, fuq l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' kumpens u ta' appoġġ għall-introjt għas-sajjieda fid-dawl tal-instabbiltà tal-professjoni, u fuq l-appoġġ ta' politika marittima integrata (il-promozzjoni tar-riċerka tal-baħar u l-iżvilupp tat-teknoloġija u tal-inġinerija marittima fil-forom kollha tagħha, inkluż il-bini ta' bastimenti aktar sostenibbli mil-lat ambjentali, u infrastruttura tal-portijiet taħt ġestjoni pubblika, li tappoġġja s-sajd, biex b'hekk jiġi mmodernizzat is-settur, jiġu żgurati l-vijabbiltà soċjoekonomika tas-settur u s-sostenibbiltà tar-riżorsi u jiġu protetti r-rwol u l-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi);**

Or. pt

30.3.2022

A9-0062/6

**Emenda 6**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira**  
fisem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0062/2022**

**Nicolae Ștefănuță**

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III  
(2021/2226(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 5a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**5a. Jisħaq li, peress li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) toffri l-baġit tal-UE bħala garanzija għall-ħruġ tad-dejn fis-swieq, hija fir-realtà, min-natura tagħha stess, pagament antiċipat lill-Istati Membri, li jsir lejn pagamenti futuri; jirrifjuta l-fatt li l-fondi tal-RRF li issa ġew trasferiti lill-Istati Membri, mill-2028 'il quddiem, se jitnaqqsu minn trasferimenti futuri fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni tal-UE u l-istrumenti tagħha;**

Or. pt

30.3.2022

A9-0062/7

**Emenda 7**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira**  
fisem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0062/2022**

**Nicolae Ștefănuță**

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III  
(2021/2226(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 8a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**8a. Jappella biex jiġu stabbiliti linji baġitarji li jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-kapaċità tal-produzzjoni u l-obsollexenza tal-mezzi tal-produzzjoni fl-industrija, u b'hekk jitravwem l-iżvilupp industrijali tal-pajjiżi l-anqas żviluppati industrijalment;**

Or. pt



30.3.2022

A9-0062/8

**Emenda 8**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira**  
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0062/2022**

**Nicolae Ștefănuță**

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III  
(2021/2226(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 9a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**9a. Jappella biex il-programm LIFE+ jiġi intensifikat, u jinkludi finanzjament speċifiku għall-bijodiversità u l-ġestjoni ta' Natura 2000, filwaqt li jiġi żgurat li l-finanzjament jitqassam b'mod ġust fost l-Istati Membri; jappella wkoll għal appoġġ għall-valutazzjoni tas-saħħa ekoloġika u tal-pjanti tal-foresti, inkluża r-riforestazzjoni bi speċijiet indiġeni, b'mod partikolari fil-pajjiżi l-aktar milquta min-nirien;**

Or. pt

30.3.2022

A9-0062/9

**Emenda 9**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira**  
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0062/2022**

**Nicolae Ștefănuță**

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III  
(2021/2226(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 10a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**10a. Jappella għal iktar appoġġ għall-infrastruttura tat-trasport u l-promozzjoni tat-trasport pubbliku u l-mobbiltà sostenibbli; jappella biex titqies il-ħtieġa urġenti ta' appoġġ għall-infrastruttura tat-trasport lokali u reġjonali fl-Istati Membri fil-periferija tal-UE; jappella għal riorjentament tal-fondi tal-UE lejn l-investment pubbliku fl-infrastruttura tat-trasport; ma jaqbilx li l-baġit tal-UE jintuża biex isaħħaħ is-sħubijiet pubbliċi-privati jew biex jipromwovi l-privatizzazzjoni u l-ftuħ tas-settur, kif irrakkomandat minn InvestEU, l-FNE u strumenti oħra;**

Or. pt

30.3.2022

A9-0062/10

**Emenda 10**

**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira**  
fisem il-Grupp The Left

**Rapport**

**Nicolae Ștefănuță**

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III  
(2021/2226(BUI))

**A9-0062/2022**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 14a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***14a. Jappella biex il-programmi li jappoġġaw il-kultura (bħal Ewropa Kreattiva) jissaħħu u jiġu stabbiliti linji baġitarji ġodda li jipproteġu u jippromwovu d-diversità kulturali u jagħtu spinta u jiddemokratizzaw il-kreazzjoni artistika u t-tgawdija artistika, flimkien ma' aċċess għall-kultura;***

Or. pt